Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,333, 23 ta' Ottubru, 2024
Taqsima B

A.L. 277 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Technology - B.Sc. (Hons) Pharm. Tech. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Technology - B.Sc. (Hons) Pharm. Tech. - u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Technology - B.Sc. (Hons) Pharm. Tech. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 390 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul u jkunu għaddew fil-Livell Intermedju jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-Kimika;

jew (b) ikollhom kwalifika relatata mal-qasam ta' studju propost mogħtija minn istituzzjoni minbarra l-Università ta' Malta fil-Livell 4 tal-MQF/EQF u li tkopri mhux anqas minn 120 kretti ECTS, u jkunu għaddew fil-Livell Intermedju jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-Kimika, kif ukoll għaddew fil-Livell tas-SEC bi grad 5 jew aħjar fil-Malti;

jew (ċ) ikunu reġistrati bħala *pharmacy technician* mal-Kunsill tal-Ispiżjara, u jkollhom sentejn esperjenza bħala *pharmacy technician* f'ambjent farmaċewtiku, kif ukoll ikunu għaddew fil-Livell Intermedju jew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-Kimika."